

# F’jum il-festa ta’ Marija Bambina

Mario Fenech

F’dan il-jum lilek infaħħru
Għax ta’ qalbna int Reġina
u għalhekk din il-festa kbira
F’jum twelidek Marija Bambina.

Daqq ta’ qniepen għalenija
Tfal ikantaw għaliex henjin
Ir-raħal libes għal din il-festa
Kbira jagħmluha l-Melleħin.

Jiġu lura l-emigranti
Ilhom ħafna imsefrin
Qegħdin hawn isellmu lilek
Lkoll madwarek miġburin.

Qadim bosta s-Santwarju
Grazzji ħarġu qishom fwieħa
Int meqjuma bl-akbar għozza
Fis-Santwarju tal-Mellieħa.

Ġew żaruk mid-dinja kollha
Kollha ħarġu b’wiċċhom hieni
Kemm faħħruk għall-kobor tiegħek
Fosthom San Ġwanni Pawlu t-tieni.

Kbira Int għalkemm hekk ċkejkna
Int bla tebgħa tad-dnubiet
Protettriċi tal-familji
Inti d-dawl tal-ommijiet.

Ressaqna lejk bl-imħabba tiegħek
Kun il-ferħ u s-sabra tagħna
Nitolbuk sabiex tħarisna
U fit-talb tagħna ’smagħna.

Sena sħiħa kollha ħidma
Ippjanar kollox bil-qies
Biex fit-8 ta’ Settembru
Fil-Mellieħa jiġu n-nies.

Fil-Każin tal-Banda Imperial
Jinstemgħu n-noti mużikali
Il-Knisja armata f’jum il-festa
Tal-kulur kaxxa nfernali.

Kollox lest għal din il-festa
Kbira u tixraq lil Reġina
Folla kbira lkoll tistenna
Biex tkanta l-innu tal-Bambina.

Fittex oħroġ minn ġot-tempju
Bierek lill-familji tagħna
Xerred fuqna l-grazzji Tiegħek
Għax ta’ qalbna int Sultana.

Dħalt għalina biex teħlisna
Mit-tfixkil u mit-twegħir
Żammejt fuqna l-barka tiegħek
Ħaristna waqt l-Assedju l-Kbir.

Kemm faħħruk l-għorrief tad-dinja
B’titli sbieħ ta’ glorja u stima
Għalhekk f’dan il-jum ta’ festa
Lkoll ngħidu VIVA MARIJA BAMBINA.

Int sabiħa tarmi d-dija
Inti xempju tat-twajbin
Inti l-kenn tal-popli kollha
Inti l-Omm tal-Melleħin.

***Il-President u l-Kumitat tal-Għaqda Mużikali Imperial jixtiequ jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd***